2.3 Is-salarju għal post ta' Learning Support Educator, għal dawk l-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Diploma) f' Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS jew ekwivalenti**) fl-Inclusive Education jew kwalifika komparabbli, huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2026 huwa ta' €25,435.00 fis-sena, li jiżdied bi €375.17 fis-sena sa massimu ta' €27,686.02, u jitla' fi Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2026 huwa, (€27,055.98 x €407.67 - €29,502.00) wara ħames (5) snin servizz fi Skala ta' Salarju 11, jekk il-persuna tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u jitla' fi Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2026 huwa, (€28,701.02 x €447.33 - €31,385.00) wara ħmistax-il (15) sena servizz sodisfaċenti fil-qasam ta' speċjalizazzjoni ta' Learning Support Educator.

2.3 The salary for the post of Learning Support Educator, for those applicants in possession of a recognised full qualification (Diploma) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS credits, or equivalent **) in Inclusive Education or a comparable qualification, is Salary Scale 11, which in 2026 is equivalent to, €25,435.00 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €27,686.02, and will further progress to Salary Scale 10, which in 2026 is, (€27,055.98 x €407.67 - €29,502.00) on completion of five (5) years of service in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance, and further progress to Salary Scale 9 which in 2026 is, (€28,701.02 x €447.33 - €31,385.00) upon attainment of fifteen (15) years of satisfactory service in the Learning Support Educators stream.

**Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60 krettu ECTS, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

**A recognised qualification comparable to 60 ECTS credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

2.4 Is-salarju għal post ta' Learning Support Educator, għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) huwa ta' Skala ta' Salarju 13, li fis-sena 2026 huwa ta' €22,217.00, li jiżdied bi €335.50 fis-sena sa massimu ta' €24,230.00, u jitla' fi Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2026 huwa, (€23,816.00 x €354.00 - €25,940.00) wara ħames (5) snin servizz fi Skala ta' Salarju 13, jekk il-persuna tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u jitla' fi Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2026 huwa, (€25,435.00 x €375.17 - €27,686.02) wara għaxar (10) snin servizz sodisfaċenti fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni ta' Learning Support Educator.

2.4 The salary for the post of a Learning Support Educator, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraphs 4.1 (iii) is Salary Scale 13, which in 2026 is equivalent to, €22,217.00 per annum, rising by annual increments of €335.50 up to a maximum of €24,230.00, and will further progress to Salary Scale 12, which in 2026 is, (€23,816.00 x €354.00 - €25,940.00) on completion of five (5) years of service in Salary Scale 13, subject to satisfactory performance, and to further progress to Salary Scale 11, which in 2026 is, (€25,435.00 x €375.17 - €27,686.02) upon attainment of ten (10) years of satisfactory service in the Learning Support Educators stream.

2.5 Learning Support Educator regolari li jiksbu kwalifika rilevanti ogħla, jitqiegħdu fi Skala ta' Salarju rilevanti skont il-kwalifika miksuba mid-data tal-kisba tal-kwalifika meħtieġa, jekk il-kwalifika tiġi ppreżentata fi żmien sitt (6) xhur mill-kisba. Jekk l-impjegati jdumu aktar minn dan il-perjodu biex jippreżentaw il-kwalifika tagħhom, dawn għandhom jiġu assimilati mid-data tal-preżentazzjoni tal-kwalifika. Għall-kjarifika u l-evitar tad-dubju titqies id-data tat-traskrizzjoni tal-kwalifika finali. Għal raġunijiet ta'

2.5 Regular Learning Support Educator who obtain a higher relevant qualification, shall be placed in the relevant Salary Scale in line with the qualification attained as from the date of obtaining the required qualification, given the qualification is presented within six (6) months of attainment. Should the employees delay beyond this period in presenting their qualification they shall be assimilated as from the date of presenting the qualification. For clarification and avoidance of doubt the date of the transcript of the

ċarezza u ta' evitar ta' dubju, is-snin ta' supply għandhom jingħaddu bis-sħiħ.

2.6 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fil-Ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (MUT) kif iffirmat fil-15 ta' Lulju, 2024.

2.7 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Learning Support Educators huma:

Persuna fil-grad ta' Learning Support Educator hija mistennija li twettaq dmirijiet li jippermettu li l-appoġġ ikollu aċċess għat-tagħlim u valutazzjoni mal-istudenti kollha fil-klassi, jew ma' studenti b'dikjarazzjoni ta' bżonnijiet jew ma' studenti fiċ-Ċentri tar-Riżorsi. Dawn id-dmirijiet jinkludu:

final qualification is taken into consideration. For the sake of clarity and avoidance of doubt, years of supply shall be counted in full.

2.6 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in the agreement between the Government and the Malta Union of Teachers (MUT) as signed on the 15th of July, 2024.

2.7 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.8 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3. The job duties for the post of Learning Support Educators include:

A Learning Support Educator is expected to perform duties which enable support to access learning and assessment with all learners in a class, or learners with a statement of needs, or learners in Resource Centres. These duties include:

a) Tassisti t-tagħlim u l-proċess tat-tagħlim immexxi mill-Għalliema, li tippromovi l-indipendenza u t-twettiq tal-istudenti kollha, b'dikjarazzjoni tal-bżonnijiet rikonoxxuta jew le, f'kull esperjenzi u kuntesti ta' tagħlim f'kull ċiklu (early, junior, secondary and upper secondary years) fi ħdan il-vjaġġ edukattiv;

b) Tikkollabora mill-qrib, u tkun iggwidata mill-Għalliema, u professjonisti oħra li jistgħu jkunu qed jappoġġjaw dan l-isforz fi jew lil hinn mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-Senior Management Team (SMT) tal-iskola;

c) Tinvolvi ruħha fl-iżvilupp ta' komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż permezz tal-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Iskola;

Għajnuna fit-Tagħlim

a) Tgħin u taħdem id f'id mal-għalliema tal-klassi u ma' kollegi oħra. Taħt il-gwida tal-għalliema tal-klassi, tassisti fl-edukazzjoni tal-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari, ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari u ta' tagħlim ta' studenti individwali;

b) Tipparteċipa bi sħiħ fis-sessjonijiet tal-Making Action Plans (MAPs);

c) Tlimkien mal-għalliema tal-klassi, tiżviluppa u twettaq il-programm individwali edukattiv (IEP) billi taddatta l-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

d) Tattendi laqgħat tal-IEP u tal-Individual Transition Plan (ITP);

e) Tirrevedi l-IEPs, inkluż li tirrekordja u li tirrapporta dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' dawn l-IEPs fuq bażi regolari;

f) Tagħti appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi ppreparat u miktub id-dokument tal-IEP għal kull student fil-klassi li għandu statement;

g) Tgħin fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u tieħu sehem attiv fl-oqsma kollha tal-proċess ta' tagħlim u l-proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni tal-għalliema fil-klassi;

h) Id f'id mal-għalliema tal-klassi, tieħu sehem fl-osservazzjoni, fl-assessjar u l-proċess tad-dokumentazzjoni tal-ħidma u tal-imġiba tal-istudenti inklużi;

i) Tipparteċipa fi programmi tranżittivi, rispettivi tal-individwu, biex tiffaċilita l-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għall-ieħor, minn skola għall-oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol, billi tagħti informazzjoni

a) Assisting the teaching and learning process led by the Teacher, promoting independence and fulfilment of all learners, with or without a recognised statement of needs, in all learning experiences and contexts at all cycles (early, junior, secondary and upper secondary years) within the educational journey;

b) Collaborating closely and be guided by the Teacher, and other professionals who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team (SMT);

c) Engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning;

Learning Support

(a) Supporting and collaborating with the class teacher and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assisting in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

b) Participating fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

c) Together with the class teacher, developing and implementing an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

d) Attending IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

(e) Reviewing IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

f) Supporting the class teacher to prepare and write the IEP document of every student with a statement in class;

g) Assisting in the preparation of educational materials and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

h) In collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

i) Participating in the respective individual transition programmes to assist students as they move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues,

u dokumentazzjoni rilevanti lill-kollegi oħra kkonċernati, ħalli ssir tranżizzjoni xierqa għall-istudent;

j) Tippromovi komunità inklussiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni mal-Kap tad-Dipartiment Inklużjoni, speċjalisti, resource workers, għalliema, ġenituri, studenti u partijiet interessati oħra, fejn l-istudenti kollha jgawdu valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal Child Development Assessment Unit (CDAU), ċentri ta' riżorsi, NGOs u ambjenti terapewtiċi u edukattivi oħra;

k) Tipparteċipa f'sessjonijiet ta' hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration u oħrajn fl-iskejjel, ċentri ta' riżorsi jew ċentri oħra fejn jingħataw dawn is-servizzi, biex jiġi assigurat l-aċċess għad-drittijiet edukattivi u personali tal-istudenti;

l) Tippromovi f'kull ħin, l-għanijiet, l-ethos u l-policies tal-iskola, il-kulleġġ jew iċ-ċentru ta' Riżorsi fejn tkun qed taħdem u tagħti kontribut attiv bħala membru tal-istaff;

m) Tassisti fil-preparazzjoni, fid-disseminazzjoni u fl-użu tar-riżorsi tat-tagħlim u tassigura li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, fl-iskola, u fiċ-ċentri ta' riżorsi;

n) Tagħti appoġġ lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludu esperjenzi fil-komunità, fuq il-postijiet tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

o) Tħajjar parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-pjan ta' żvilupp tal-iskola u kif miftiehem mas-Senior Management Team tal-iskola;

Għajnuna Personali

Tagħti għajnuna lill-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali fil-kura u l-indafa personali tagħhom. Din l-għajnuna tinkludi:

a) Il-qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li takkumpanja l-istudent sat-toilet; li tgħin lill-istudent jinża' u jilbes; li tnaddaf, taħsel u tagħti shower u li tbiddel s-sanitary towels u l-incontinence pads (ħrieqi);

b) Tieħu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq tal-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bilqiegħda, inkluż id-dmir li terfa' l-istudenti u tmexxihom fil-wheelchair kif ikun meħtieġ, skont ir-regolamenti tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà u skont il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-linji gwida huma:

irfigħ sa 27 kilogramm isir minn Learning Support Educator wieħed/waħda; irfigħ minn 28 sa 54 kilogramm (inklużi), isir minn żewġ persuni; 'il fuq minn 54 kilogramm għandu jsir permezz ta' lift mekkaniku,

all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

j) Promoting an inclusive community of learners, in collaboration with Head of Departments (Inclusion), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This includes collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), resource centres, NGOs and other educational and therapeutic environments;

k) Participating in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, resource centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

l) Promoting at all times the aims, ethos and policies of the school, college or resource centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

m) Assisting in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensuring their upkeep in class, school and resource centres;

n) Supporting student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational institutions;

o) Encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team.

Personal Support

Supporting pupils with individual educational needs in their personal care and hygiene needs. This includes:

a) Toileting – cleaning and washing, including accompanying the child to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

b) Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting pupils and pushing pupils in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one Learning Support Educator; lifting between 28 and 54 kilograms (both inclusive) shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used,

imbuttar ta' wheelchair sa 45 kilogramm isir darba kultant; sa 28 kilogramm isir ta' spiss; u sa 9 kilogrammi jsir skont il-ħtieġa;

c) Tiżgura li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi tagħti għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonjiet ta' terapija, kif ukoll billi titma' lill-istudent, fil-brejk ta' filgħodu, fil-brejk ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skont il-ħtieġa.

Dmirijiet Waqt it-Trasport

Mingħajr preġudizzju għall-obligazzjonijiet tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri u l-osservanza totali tal-liġi u r-regolamenti relatati mat-trasport, il-Learning Support Educator tista' tintalab biex taqdi dmirijet relatati mat-trasport ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali, kif ikunu mfissra fl-istatement uffiċjali, jew skont kif ikun indikat mill-Kap tal-Iskola jew awtorità kompetenti oħra. F'dan il-każ, il-Learning Support Educator għandha:

a) tgħin lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u, f'każijiet ta' studenti li huma f'wheelchair/buggy, ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess wheelchair/buggy u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent/i biex tassigura sigurtà waqt it-trasport;

b) tieħu ħsieb u tindokra l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola kif meħtieġ waqt il-ħinijiet normali tal-iskola. Meta tissorvelja u tindokra lill-istudenti barra mill-ħin tal-iskola, il-Learning Support Educator titħallas bir-rata stabbilità.

Dmirijiet Oħrajn

a) Twettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

b) Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

c) Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Il-persuna magħżula tkun mistennija li ttemm b'suċċess kors ta' induzzjoni. Barra minn hekk, tkun mistennija li tipparteċipa f'korsijiet għall-iżvilupp professjonali, tkompli f'opportunitajiet ta' Żvilupp Professjonali (CPD) u programmi ta' taħriġ waqt is-servizz (in-service) kif jixraq għar-rwol u l-funzjonijiet tagħha, kif indikat mill-Awtoritajiet Edukattivi. Il-persuna għandha taddotta u taħdem lejn l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola partikulari fejn tkun qed tagħti servizz.

pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary;

c) Ensuring the maximum educational benefit and safety for individual pupils at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

Transport-related Duties

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, a Learning Support Educator may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the official statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the Learning Support Educator shall:

a) assist in the boarding and un-boarding of pupils on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

b) carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary. Supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

Others

a) Undertaking any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

b) Undertaking any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

c) Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

A selected candidate shall be expected to successfully complete an induction course. Furthermore, s/he shall be required to participate in professional development courses, Continuing Professional Development (CPD) opportunities and in-service training programmes as appropriate to his/her role and functions as indicated by the Education Authorities. S/he shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school/centre s/he is giving service in.

Kandidat magħżul għandu jipparteċipa fl-attivitajiet tal-iskola biss meta l-istudent/i li jkunu taħt il-ħarsien tiegħu jkunu qed jieħdu sehem attiv.

A selected candidate shall participate in school activities only when the learner/s they support are taking an active role.

Il-persuna magħżula hi mistennija li tagħti servizz skont il-ħtiġiet tal-bżonnijiet ta' kull student fl-iskejjel fi ħdan il-kulleġġ jew ċentri, jew f'ċentri tar-riżorsi/tagħlim skont id-direzzjoni tal-prinċipal tal-kulleġġ/kap tal-college network u/jew kap tal-iskola u/jew assistent kap ta' skola, u/jew Kap ta' Dipartiment għall-Inklużjoni u kwalunkwe SMT relatat ieħor.

A selected candidate shall be required to work according to the needs of all learners in the schools within the college or in centres or resource/learning centres as directed by the college principal/head of college network, and/or head of school, and/or assistant head of school, and/or Head of Department Inclusion and any other related SMT.

Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipprovdi servizz f'aktar minn skola waħda/ċentru u tista' tintbagħat taqdi dmirijiet minn skola għall-oħra skont il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħha skont kif ikun meħtieġ mill-awtoritajiet Edukattivi. Il-persuna magħżula tista' tintbagħat taqdi dmirijiet f'Malta u/jew f'Għawdex skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u tal-MEYR b'mod partikulari.

A selected candidate may be required to provide service in more than one school/centre and may be deployed according to his/her area of specialisation as deemed necessary by the Education authorities. A selected candidate may be deployed in Malta and/or Gozo according to the exigencies of the Malta Public Service and in particular the MEYR.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Eligibility Requirements

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

i. a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni; u

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Certificate) f'Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 30 krettu ECTS jew ekwivalenti*) jew ogħla, fl-Inclusive Education, jew kwalifika komparabbli, kif determinat mill-awtoritajiet kompetenti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 30 krettu ECTS, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

Applikanti ingaġġati bħala LSE Supplimentari iridu japplikaw għal din is-sejħa biex jilħqu grad ta' LSE.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for; and

iii. in possession of a recognised full qualification (Certificate) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 30 ECTS credits or equivalent*) or higher, in Inclusive Education, or a comparable qualification, as determined by the competent authorities.

*A recognised qualification comparable to 30 ECTS credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Applicants engaged as Supply LSE are to apply through this call to progress to a LSE grade.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated

applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbiltà meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni online **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Se jsiru ħames (5) proċessi tal-għażla. Il-proċess tal-għażla jikkunsidra applikazzjonijiet li jaslu sa 5.15pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' dawn id-dati msemmija hawn taħt:

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar, 2026; data tal-għeluq: it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026

Data tal-ftuħ: it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026; data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 24 ta' April, 2026

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 24 ta' April, 2026; data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju, 2026

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju, 2026; data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, 2026

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, 2026; data tal-għeluq: il-Ħamis, 31 ta' Diċembru, 2026

7.2 Minħabba l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026. Dawk l-applikanti magħżula jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultat tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

7.3 Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita u jibqgħu vakanti, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikunu sottomettew l-applikazzjoni sal-5.15 p.m. ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Diċembru, 2026. Tiġi ppubblikata lista ta' ordni tal-mertu għal kull proċess tal-għażla. Kull lista ta' ordni tal-mertu li tiġi ppubblikata tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni.

7.4 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Tuesday, 17th February, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

The applications received for the above specified date will be grouped in five (5) selection processes. The selection process will consider applications received by 5.15 p.m. (Central European Time) of the following dates:

Opening date: Friday, 30th January, 2026, closing date: Tuesday, 17th February, 2026

Opening date: Tuesday, 17th February, 2026, closing date: Friday, 24th April, 2026

Opening date: Friday, 24th April, 2026; closing date: Friday, 17th July, 2026

Opening date: Friday, 17th July, 2026; closing date: Friday, 16th October, 2026

Opening date: Friday, 16th October, 2026; closing date: Thursday 31st December, 2026

7.2 Due to the exigencies of the Public Service, the selection process will initially consider applications received by 5.15 p.m. (Central European Time) of Tuesday, 17th February, 2026. Successful candidates will be placed in an order of merit list which will remain valid for two (2) years from the date of publication or until the result list is exhausted, whichever is the earliest.

7.3 However, should the order of merit list be exhausted and vacancies remain, other applicants may be assessed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by 5.15 p.m. (Central European Time) of Thursday, 31st December, 2026. An order of merit for each selection exercise will be published. Each order of merit list published will remain valid for one (1) year from date of publication.

7.4 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.5 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.6 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-30 ta' Jannar, 2026

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Post ta' Manager I fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport), Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I fid-Dipartiment tal-Policy and Resarch, fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

7.5 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.6 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

30th January, 2026

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Post of Manager I in the Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Strategy and Support), Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works, invites applications for the post of Manager I in the Policy Research Department, within the Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2026 huwa ta' €27,055.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €29,502.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' sa Skala ta' Salarju 7 (€32,158 x €531.17 - €35,345.02 fl-2026) wara tmien (8) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju rispettiv, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I (Skala ta' Salarju 10) li jikseb degree ta' Master's rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti kif determinat minn Management għandha titqiegħed fi Skala ta' Salarju 9 (€28,701.02 x €447.33 - €31,385 fl-2026) u tavvanza għal Skala ta' Salarju 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326 in 2026) wara sentejn (2) snin servizz sodisfaċenti bħala Manager I (Skala ta' Salarju 9).

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

2.6 Persuna fil-grad ta' Manager I (Skala ta' Salarju 8) se jkompli javvanza għal Skala ta' Salarju 7 (€32,158 x €531.17 - €35,345.02 in 2026) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala Manager I (Skala ta' Salarju 8).

2.7 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti, u ħlas ta' allowance tal-klassi annwali ta' €750, suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-communications, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I is Salary Scale 10, which in year 2026 is €27,055.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €29,502.

2.4 A Manager I in Salary Scale 10 will progress up to Salary Scale 7 (€32,158 x €531.17 - €35,345.02 in 2026) on completion of eight (8) years of service as Manager I in the respective Salary Scale, subject to satisfactory performance.

2.5 A Manager I (Salary Scale 10) who obtains a recognised Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS credits, or equivalent*) in relevant areas as determined by Management shall be placed in Salary Scale 9 (€28,701.02 x €447.33 - €31,385 in 2026) and will progress to Salary Scale 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326 in 2026) after two (2) years satisfactory service as Manager I (Salary Scale 9).

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

2.6 A Manager I (Salary Scale 8) will further progress to Salary Scale 7 (€32,158 x €531.17 - €35,345.02 in 2026) after two (2) years of satisfactory service Manager I (Salary Scale 8).

2.7 The appointees shall also be entitled to an annual performance bonus of up to 10% of the basic salary, subject to satisfactory performance, and a payment of an annual class allowance of €750, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

Tanti Isabella née Micallef, Finance Clerk, Il-Mosta
Tanti Magri Daniela (Daniela-Maria) née Magri, Lawyer, Is-Swieqi
Vassallo Audrey, Lawyer, Il-Mosta
Vassallo Daniella née Spiteri, Distributor, Il-Fgura
Vella Adam, Clerk, Ta' Sannat
Vella Charlie, Health Assistant, Ir-Rabat
Vella Elizabeth née Caruana, Dentist, San Pawl il-Baħar
Vella Elizabeth née Gatt, Airport Employee, Is-Siġġiewi
Vella Gladys, Manager, Tas-Sliema
Vella Jonathan, Scientific Officer, Pembroke
Vella Malcolm, Concierge, Ħ'Attard
Vella Rachel-Jane, Director, Il-Mellieħa
Vella Valerio, University Graduate, In-Naxxar
Wadge Suzanne née Bottone, University Graduate, Tas-Sliema
Xerri Janice Maryann née Xerri, Clerk, Il-Munxar
Xerri Mary Louise, Clerk, L-Imsida
Xuereb Mark, Laboratory Technician, In-Naxxar
Zammit Christian Joseph, Clerk, Il-Mosta
Zammit George Lewis, Manager, Ir-Rabat
Zammit Michela-Maria née Debattista, Diplomatic Officer, Ħal Tarxien
Zammit Peter, University Graduate, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Il-Belt Valletta, illum il-Ħamis, 8 ta' Jannar, 2026.

(Iff.) DOTT. ELIZABETH MARY QUINTANO, LLD
Drettur/Reġistratur, Qrati Kriminali u Tribunali

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Thursday, 8th January, 2026.

(Sgd) DOTT. ELIZABETH MARY QUINTANO, LLD
Director/Registrar Criminal Courts and Tribunals

235

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3223/2025, fl-ismijiet 35°14° Capital SCC plc vs Marco Portelli, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 15 ta' Lulju, 2025

Lil: Marco Portelli (KI 0650182M) ta' 29, Serenità, Triq il-Kromb, Ħ'Attard

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà 35°14° Capital SCC plc (C105417) li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, ta' 19, Triq il-Konservatorju, Il-Furjana FRN 1521, Malta, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika tiegħek ta' din l-ittra tersaq għall-ħlas tas-somma totali ta' €24,922.50 rappreżentanti l-porzjon dovut minnek ta' 12.5% fuq ammont l-ammont globali ta' €199,380.01 rappreżentanti dejn ċert likwidu u minnek dovut skont l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Reuben Debono datat 12 ta' Mejju, 2025 (kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A) oltre l-imgħax bir-rata ta' 8% sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra ufficjali qiegħda tiġi notifikata lilek a tenur tal-artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Int qiegħed tiġi infurmat illi fin-nuqqas tiegħek illi tħallas l-ammont minnek dovut fl-intier tiegħu entro t-terminu lilek preskritt, il-mittenti mhux se jkollhom ebda għażla oħra għajr illi tipproċedi kontra tiegħek.

By means of a decree of the 26th August, 2025, in the records of the judicial letter number 3148/2025, in the names 35°14° Capital SCC plc vs Marco Portelli, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th July, 2025

TO: Marco Portelli (ID 0650182M) of 29, Serenità, Triq il-Kromb, Ħ'Attard

By means of this present, the company 35 ° 14 ° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, of 19, Triq il-Konservatorju, Floriana FRN 1521, Malta, is hereby formally calling upon you so that within two (2) days from your notification of this letter you come forward to pay the total amount of €24, 922.50 representing your portion due by you of 12.5% on the amount in the total amount of €199,380.01 representing the debt, which is certain, liquid and due by you according to the deed of constitution of debt in the records of Notary Reuben Debono dated 12th May, 2025 (copy of which is here attached and marked as Doc. A) besides the interest due at the rate of 8% till the date of effective payment.

This judicial letter is being notified to you in terms of Article 256 of Cap. 12 of the Laws of Malta. You are being informed that in default of payment of the amount due by you in its entirety within the time prescribed to you, the interpellant will have no choice but to proceed against you.

Tant sabiex tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 23rd January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

236

Editt għal Aħbarijiet Dwar Wieħed Assenti

Fit-termini tal-artikolu 195 tal-Kap. 16

Mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Sezzjoni Ġuriżdizzjoni Volontarja

Billi Maria Victoria Azzopardi et, b'rikors li ppreżentaw fit-22 ta' Jannar, 2026 (Rikors numru 6/2026) talbu l-ħatra ta' kuratur għal Elvin John Azzopardi, bin il-mejjet Tarcisio Azzopardi u Maria Victoria Azzopardi u li ilu assenti minn dawn il-Gżejjer mingħar ma nstema aħbar dwaru.

Kull min għandu xi informazzjoni li l-imsemmi Elvin John Azzopardi għadu ħaj, jew jaf fejn jinsab, huwa mitlub li jagħtiha lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni Ġuriżdizzjoni Volontarja), hawn taħt iffirmat, sabiex din il-Qorti tkun taf bih, fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dakinhar li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti,

Dan huwa l-ewwel avviż minn tnejn li qed jiġi ppubblikat skont l-Artiklu 195 tal-Kodiċi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Jannar, 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

Edict for Information Respecting an Absent Person

In terms of section 195 of Cap. 16

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) (Voluntary Jurisdiction Section)

Whereas Maria Victoria Azzopardi et has, by an application filed on the 22nd of January, 2026 (Application number 6/2026) applied for the appointment of a curator to Elvin John Azzopardi son of the late Tarcisio Azzopardi and Maria Victoria Azzopardi and that he has been absent from these islands without hearing any news about him.

Whosoever has any news of the existence of the said Elvin John Azzopardi or knows where he is, is required to communicate it to the undersigned Registrar of the Court Of Magistrates (Gozo) (Voluntary Jurisdiction Section), for the information of the said Court, within one month from the day of the publication of this present edict in the Government Gazette.

By order of the Court.

This is the first notice from two that is being published, and this is in terms of Article 195 of the Civil Code.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 26th of January, 2026

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

237

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-18 ta' Diċembru, 2025, Rikors numru 1171/2025, minn Mary Grace Micallef et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Grace Micallef, Noel Vella, Joseph Vella u Theresa Cassar ulied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Spiridione Vella, armel ta' Maria Vella née Calleja, bin il-mejtin Giuseppe Vella u Maria Carmela née Cutajar, imwieled Ħal Balzan, Malta,

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 18th December, 2025, Application number 1171/2025, by Mary Grace Micallef et whereby they requested that it be declared open in favour of Mary Grace Micallef, Noel Vella, Joseph Vella and Theresa Cassar children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Spiridione Vella, widower of Maria Vella née Calleja, son of the late Giuseppe Vella and Maria Carmela née Cutajar, born

kien residenti r-Rabat, Malta u miet l-Imsida, Malta, fid-19 ta' Lulju, 2025, ta' 93 sena, u li kellu karta tal-identità numru 604331M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in Balzan, Malta, resided in Rabat, Malta and died in Imsida, Malta on the 19th July, 2025, aged 93, and who held identity card number 604331M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

238

B'diġriet tas-16 ta' Jannar, 2026, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(5) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Dott. Joseph Mizzi (KI 29787G) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera GBC Technology Service SRL u ta' Dott. Daniela Bugeja Mangion (KI 578379M) bħala mandatarju speċjali għan-nom ta' Vincenzo di Nunzio (KI Taljana 3880159A.A) fit-8 ta' Mejju, 2025, qed jingħad illi:

Is-soċjetà GBC Technology Service SRL, inkorporata fl-Italja bin-numru ta' reġistrazzjoni P.IVA 02518120593 għandha tieħu mill-imsemmija soċjetà Interactive Services Limited is-somma ta' disa' mija, tlieta u tmenin elf, sitt mija, tlieta u sittin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€983,663.86), rappreżentanti titolu eżekuttiv li rriżulta minn sentenza estera tal-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (21.01.2020) bin-numru 1183/2017, mogħtija mit-Tribunale Italiano di Cassino, li ġiet iddikjarata bħala infurzabbli u eżegwibbli lokalment permezz tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim Awla, tas-sebgħa ta' April, tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (7.4.2022), fl-ismijiet l-Av. Dott. Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera GBC Technology Service S.R.L. vs Interactive Services Limited.

Illi Vincenzo di Nunzio huwa wkoll kreditur tal-istess soċjetà Interactive Services Limited fis-somma ta' mija, sitta u għoxrin elf, mitejn u tmintax-il ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€126,218.51) emanenti mid-digriet tat-Tribunale Velletri tas-sittax ta' April, tas-sena elfejn u tmintax (16.4.2018), bin-numru tar-referenza 285/2018, enforzabbli

By a decree given on the 16th January, 2026 given by the First Hall of the Civil Courts ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

That by the application filed by Dr Joseph Mizzi (ID 29787G) as a special mandatory for and on behalf of the foreign society GBC Technology Service SRL and of Dr Daniela Bugeja Mangion (ID 578379M) as a special mandatory for and on behalf of Vincenzo di Nunzio (Italian ID 3880159A.A.) on the 8th May, 2025, it is being said that:

The society GBC Technology Service SRL, incorporated in Italy with the registration number P.IVA 02518120593, is entitled for the sum of nine hundred and eighty three thousand, six hundred and sixty three euro and eighty six cents (€983,663.86) from the said society Interactive Services Limited, representing an executive title resulting from a foreign sentence dated twenty first of January, of the year, two thousand and twenty (21.01.2020) numbered 1183/2017, given by the Tribunale Italiano di Cassino, declared as locally enforceable and executable by means of a sentence given by the Civil Court, First Hall, dated the seventh of April, of the year two thousand and two (7.4.2022), in the names Lawyer Dr Joseph Mizzi as a special mandatory for and on behalf of the foreign society GBC Technology Service S.R.L. vs Interactive Services Limited.

That Vincenzo di Nunzio is also a creditor of the same society Interactive Services Limited of the sum of one hundred and twenty six thousand, two hundred and eighteen euro and fifty one cent (€126,218.51) resulting from a decree of the Tribunale Velletri dated sixteenth of April, of the year two thousand and eighteen (16.4.2018), with reference number

f'Malta permezz ta' ċertifikat tal-enforzar maħruġ ai termini tal-Regolament tal-UE numru 1215/2012, liema digriet ġie kkonfermat b'sentenza mill-Qorti ta' Velletri Diviżjoni tal-Impjieg tal-wieħed u tletin ta' Ottubru, tal-elfejn u dsatax (31.10.2019) kif ukoll b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma deċiża fis-sebgħa u għoxrin ta' Settembru, tal-elfejn u tnejn u għoxrin (27.9.2022) bin-numru 3544/2022, li saru enforzabbli Malta permezz ta' ċertifikati tal-enforzar maħruġa ai termini tar-regolament tal-UE numru 1215/2012.

Illi Vincenzo di Nunzio preżenta għadd ta' mandati ta' sekwestru, li jġibu n-numri ta' 452/2019, 959/2019, 1029/2019 sabiex jesegwixxi t-titolu surreferit, liema mandati kienu ġew revokati għajr għal mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1029/2019.

Illi permezz ta' skrittura privata bejn l-esponenti, datata sitta u għoxrin ta' Jannar, tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (26.1.2024), l-esponenti waslu għal qbil dwar kif ser jiġu parzjalment sodisfatti l-krediti relattivi tagħhom permezz tal-flus depożitati fil-Qorti nostrana, u ċoè, illi Vincenzo Di Nunzio jissodisfa l-kreditu tiegħu parzjalment fl-ammont ta' tmenin elf, sitt mija, sebgħa u erbgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€80,647.52), u li wara, dan ġie sodisfatt permezz ta' żbank miċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 533/20, filwaqt illi s-soċjetà GBC Technology Services tissodisfa l-kreditu tagħha parzjalment fl-ammont ta' tliet mija, tletin elf, mija u għoxrin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€330,120.85).

Is-soċjeta GBC Technology Service SRL ssodisfat il-kreditu tagħha parzjalment fl-ammont ta' tnejn u erbgħin elf, mija u sbatax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€42,117.80) permezz ta' żbank fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1172/22 u ppreżenta rikors ta' żbank sabiex jissodisfa l-kreditu tiegħu parzjalment fl-ammont ta' seba' mija, tnejn u ħamsin ewro (€752) fl-atti taċ-ċedola bin-numru 983/21 u fl-ammont ulterjuri ta' tmienja u ħamsin elf, disa' mija, ħamsa u disgħin ewro u tletin ċenteżmu (€58,995.30) fl-atti taċ-ċedola bin-numru 1486/21.

Illi l-imsemmi Bank of Valletta ddepożitaw is-segwenti somom fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti:

Ċedola 1448/2019 – €1,313.38
Ċedola 791/2019 – €127,152.80
Ċedola 735/2021 – €21,115.11
Ċedola 182/2021 – €29,261.32
Ċedola 533/2020 – €130,060.66 li minnha Vincenzo di Nunzio żbanka s-somma ta' tmenin elf, sitt mija sebgħa u erbgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€80,647.52)

Illi dawn l-ammonti ma jkoprux l-ispejjeż ta' dan l-att.

285/2018, enforced in Malta by means of an enforcement certificate issued in terms of the EU Regulations number 1215/2012, which decree was confirmed by a sentence from the Courts of Velletri Employment Division dated thirty first of October, of the year two thousand and nineteen (31.10.2019) as well as by sentence given by Rome Courts of Appeal decided on the twenty seventh of September of the year two thousand and twenty two (27.9.2022) with number 3544/2022, that was enforced in Malta by means of an enforcement certificate issued in terms of the EU regulations number 1215/2012.

That Vincenzo di Nunzio filed a number of garnishee orders, bearing the numbers of 452/2019, 959/2019, 1029/2019 to execute the mentioned titles, which garnishee orders were revoked apart from the executive garnishee order number 1029/2019.

That by means of a private agreement between the applicants, dated twenty sixth of January, of the year two thousand and four (26.1.2024), the applicants came to an agreement on how their relative credits will be partially satisfied by means of the monies deposited in our Courts, and therefore, that Vincenzo Di Nunzio partially satisfies his credit in the amount of eighty thousand, six hundred and forty seven euro and fifty two cents (€80,647.52) and which after, this was satisfied by means of a withdrawal from the schedule of deposit number 533/20, while the society GBC Technology Services partially satisfies its credit in the amount of three hundred and thirty thousand, one hundred and twenty euro and eighty five cents (€330,120.85).

The society GBC Technology Service SRL partially satisfied its credit in the amount of forty two thousand, one hundred and seventeen euro and eighty cents (€42,117.80) by means of a withdrawal in the acts of schedule of deposit number 1172/22 and filed a withdrawal application to partially satisfy his credit in the amount of seven hundred and fifty two euro (€752) in the acts of schedule of deposit number 983/21 and the further amount of fifty eight thousand, nine hundred and ninety five euro and thirty cents (€58,995.30) in the acts of schedule of deposit number 1486/21.

That the said Bank of Valletta deposited the following sums in the Registry of this Honorable Court:

Schedule of Deposit 1448/2019 – €1,313.38
Schedule of Deposit 791/2019 – €127,152.80
Schedule of Deposit 735/2021 – €21,115.11
Schedule of Deposit 182/2021 – €29,261.32
Schedule of Deposit 533/2020 – €130,060.66 from which Vincenzo di Nunzio withdrew the sum of eighty thousand, six hundred and forty seven euro and fifty two cents (€80,647.52)

That these amounts do not include the fees of this act.

Għalhekk, l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza lis-soċjetà GBC Technology Services, tramite l-Avukat Dott. Joseph Mizzi, tiżbanka mill-imsemmija ċedoli s-somma ta' mitejn, tmienja u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€228,255.75) rappreżentanti l-bilanċ tas-somma globali depożitata fir-Reġistru ta' din il-Qorti permezz taċ-ċedoli surreferiti, bħala ħlas tal-ammont hawn fuq imsemmi u bl-ispejjeż u dan fl-ismijiet:

Vincenzo di Nunzio (KI Taljana 3880159A.A.) kif lokalment rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Daniela Bugeja Mangion (KI 578379M) vs Interactive Services Limited (C20008)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b'sebat (7) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum it-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the applicants are requesting this Honorable Court to authorize the society GBC Technology Services, through the Lawyer Dr Joseph Mizzi, to withdraw from the said schedule of deposits the sum of two hundred and twenty eight thousand, two hundred and fifty five euro and seventy five cents (€228,255.75) representing the balance of the global sum deposited in the Registry of this Honorable Court by means of the above mentioned schedule of deposits, as payment of the amount above mentioned, with costs, and this in the names of:

Vincenzo di Nunzio (Italian ID 3880159A.A.) as locally represented by the special mandatory lawyer Daniela Bugeja Mangion (ID 578379M) vs Interactive Services Limited (C20008)

The Court ordered the notification to the counterparty with seven (7) days to reply.

Registry of the Civil Court First Hall (Malta), today Tuesday, 27th January, 2026

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

239

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-11 ta' Diċembru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 14/2025 fl-ismijiet Lucianne Spiteri (fiż-żwieġ Calleja) (KI 67285M) vs Joseph Roderick Calleja (KI 180683M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Joseph Roderick Calleja, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat fid-19 ta' Settembru, 2009, ġie ddikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fit-28 ta' Frar, 2023 (Prot. Nru 22/018).

Illi permezz ta' digriet ta' eżekuttività ddatat 29 ta' Marzu, 2023, giet dikjarata, ikkonfermata u ċċertifikata l-eżekuttività ta' din id-deċiżjoni u ma hemm l-ebda sentenza kuntrarja minn ebda Qorti ta' Malta

Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna r-reġistrazzjoni tan-nullità taż-żwieġ tagħha mal-intimat kif fuq premessa mogħtija kif imsemmi u dan ai termini tal-Att taż-Żwieġ (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentment tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni definittiva ai termini tal-istess Att.

Notifika: Joseph Roderick Calleja, Frankmar, 126, Triq George Borg Olivier, Ir-Rabat (Malta)

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior jurisdiction) on the 11th December, 2025, in the records of Application number 14/2025 in the names Lucianne Spiteri (married Calleja) (ID 67285M) vs Joseph Roderick Calleja (ID 180683M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Joseph Roderick Calleja, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas the marriage between the parties celebrated on the 19th September, 2009, was declared null by a judgment pronounced by the Metropolitan Tribunal of Malta on the 28th February, 2023 (Prot. No. 22/018).

Whereas by means of an executive decree dated 29th March, 2023, the executability of this decision was declared, confirmed and certified and there is no judgment to the contrary by any Court of Malta.

Therefore, the applicant humbly requests this Honourable Court to order the registration of the nullity of her marriage with the respondent as above premised and delivered as mentioned and this in terms of the Marriage Act (Cap. 255) of the Laws of Malta and consequently order the Director Public Registry to duly register the definitive decision in terms of the same Act.

Notification: Joseph Roderick Calleja, Frankmar, 126, Triq George Borg Olivier, Rabat (Malta)

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum, 22 ta' Jannar, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day, 22nd January, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

240

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit-12 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 62/2025 fl-ismijiet Pretty Rose Apiag (ID 272232A) vs Absolute Services Limited (C68516), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Absolute Services Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 62/2025 ippreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2025, l-appellanta Pretty Rose Apiag ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali deċiża fl-4 ta' Ġunju, 2025, billi tħoss li t-Tribunal imsemmi ma kienx ġust u uman fir-rigward tal-każ tagħha filwaqt li dejjem spjegat li l-intenzjoni tagħha kienet li taħdem f'Malta b'mod legali. Illi l-aggravji tagħha jikkonsistu fi:

1. Kien hemm ksur tal-liġi fir-rigward tal-permessi tax-xogħol għat-TCN;

2. It-tkeċċija tagħha kienet diskriminatorja;

3. Kien hemm ksur tal-prinċipji ta' raġonevolezza, proporzjonalità u l-element uman kif ukoll tal-amministrazzjoni ġusta.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-onorabbli qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 2025, u tingħata kumpens xieraq kif tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata.

Ir-Rikors numru 62/2025 fl-ismijiet Pretty Rose Apiag vs Absolute Services Limited jinsab iddifferit għall-11 ta' Frar, 2026, jissejjaħ fid-9.50 a.m.

Notifika: Absolute Services Limited, Pearl Point 1A, Triq il-Port Ruman San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 26 ta' Jannar, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on 12th August, 2025, in the records of Application number 62/2025 in the names Pretty Rose Apiag (ID 272232A) vs Absolute Services Limited (C68516), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Absolute Services Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application number 62/2025, filed on 13th June, 2025, the appellant Pretty Rose Apiag felt aggrieved by the decision of the Industrial Tribunal pronounced on the 4th June, 2025, in that the said Tribunal was unfair and inhumane in relation to her case while she always explained that her intention was to work legally in Malta. Whereas her grievances consist in the following grounds:

1. There has been a violation of the law in relation to work permits for TCNs;

2. Her dismissal was discriminatory;

3. There has been a breach of the principles of reasonableness, proportionality and the human element as well as of fair administration.

Therefore, the applicant respectfully requests that this Honourable Court upholds the grounds of appeal and revokes the decision of the Industrial Tribunal pronounced on the 4th June, 2025, and that she be given adequate compensation as shall be decided by this Honourable Court, with all costs against the respondent company.

Application number 62/2025 in the names Pretty Rose Apiag vs Absolute Services Limited has been deferred to the 11th February, 2026, to be called at 9.50 a.m.

Notification: Absolute Services Limited, Pearl Point 1A, Triq il-Port Ruman St Paul's Bay

Registry of the Courts of Appeal (Inferior jurisdiction), this day, 26th January, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

241

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-6 ta' Novembru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 53/2024 fl-ismijiet Antoinette Bonello (KI 099566M) u Rosetta Thornhill (KI 051269M) vs l-Avukat tal-Istat u Lorenza sive Lora Gauci (KI 0300246M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lorenza sive Lora Gauci a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 53/2024 ippreżentat fit-22 ta' Ottubru, 2025, l-appellanti Antoinette Bonello (KI 099566M) u Rosetta Thornhill (KI 051269M) ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2025, limitatament fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni. L-aggravji huma ċari u manifesti billi:

1. L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-kumpens dovut lir-rikorrenti għandu jeskludi t-telf soffert mir-rikavat meta l-appellanti kienu biegħu lil ħuhom bi prezz illi ma kienx jirrifletti dak attwali fis-suq;

2. L-ewwel qorti kienet żbaljata ukoll meta ddeċidiet illi għandha tordna lill-attriċi appellanti jħallsu nofs l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi fl-ewwel istanza.

Għaldaqstant, l-appellanta qiegħda titlob lill-Onorabbli Qorti Kostituzzionali sabiex tikkonferma s-sentenza odjerna inkwantu laqgħet it-talbiet tal-attriċi appellanti, u sussegwentement tirriformaha għar-rigward tar-raba' talba attriċi u takkorda t-talba għall-ħlas ta' kumpens għall-fatt illi fid-19 ta' Diċembru, 2020, ir-rikorrenti kienu kostretti jittrasferixxu sehemhom minn din il-proprjetà bi prezz ridott li ma kienx jirrifletti dak attwali fis-suq stante li l-fond kien suġġett għal kirja protetta, kif ukoll sabiex tvarja l-ħames talba attriċi billi din l-Onorabbli Qorti tillikwida d-danni pekunjarji sabiex ikopru t-telf soffert fil-prezz li bih biegħu li ma kienx jirrifetti l-valur attwali tas-suq, oltre l-imgħax legali applikabbi mid-data tal-ewwel sentenza sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat Avukat tal-Istat.

Notifika: Lorenza sive Lora Gauci, 138, Triq Sammat, Paola

Reġistru tal-Qorti Kostituzzjonali, illum 19 ta' Jannar, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 6th November, 2025, in the records of Application number 53/2024 in the names Antoinette Bonello (ID 099566M) and Rosetta Thornhill (ID 051269M) vs The State Advocate and Lorenza sive Lora Gauci (ID 0300246M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Lorenza sive Lora Gauci in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Constitutional Appeal Application No. 53/2024 filed on 22 October, 2025, the appellants Antoinette Bonello (ID099566M) and Rosetta Thornhill (ID 051269M) felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court pronounced on 3rd October, 2025, limitedly as regards the liquidation of damages. The grounds of appeal are clear and manifest since:

1. The Honourable First Court was mistaken when it considered that the compensation due to the applicants should exclude the losses suffered from the proceeds when the appellants had sold the premises to their brother at a price which did not reflect the actual market price;

2. The Court of First Instance was also mistaken when it decided that it should order the plaintiff appellants to pay half the judicial expenses incurred at first instance.

Therefore, the appellant is asking the Honourable Constitutional Court so that it confirms the present judgment in so far as it upheld the demands of the plaintiff appellants, and subsequently reform it as regards the fourth demand by the plaintiffs and uphold the demand for the payment of compensation for the fact that on the 19th December, 2020, the applicants were forced to transfer their share of this property at a reduced price which was not reflected in the current market since the premises were subject to a protected lease, and also order to vary the fifth plaintiffs' demand by this Honourable Court to liquidate the pecuniary damages to cover the loss suffered in their selling price which did not reflect the actual market value, besides the legal interests applicable from the date of the first judgment till the date of effective payment with costs of both instances against the respondent State Advocate.

Notification: Lorenza sive Lora Gauci, 138, Triq Sammat, Paola

Registry of the Constitutional Court, this day, 19th January, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-14 ta' Novembru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 44/2025 fl-ismijiet Kunsill Lokali San Ġiljan u Din l-Art Ħelwa vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża, Andrea Zammit Tabona (KI 235683M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Andrea Zammit Tabona a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 44/2025 li l-għaqda appellanti Din l-Art Ħelwa ppreżentat fis-7 ta' Lulju, 2025, fl-ismijiet premessi, hija qiegħda tappella minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Ġunju, 2025, fejn it-Tribunal laqa' parzjalment l-appell interpost mill-appellanti minn deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar, iżda ċaħad aggravji oħrajn interposti mill-istess appellanti. Illi l-aggravji huma:

1. Kien hemm nuqqas ta' aderenza mal-Linji Gwida DC 2015 – Interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi – it-Tribunal m'applikax u ma interpretax b'mod raġjonevoli dak li hemm espressament miktub fil-Policy P35 Interpretation of building heights in Urban Conservation Areas u l-Policy P4 Applying Height to Width Ratio in Urban Conservation Areas tal-Linji Gwida DC 15 – id-determinazzjoni tat-Tribunal mhix imsawra fuq applikazzjoni u interpretazzjoni korretta tal-politika li kellu jiddetermina jekk l-iżvilupp hux aċċettabbli jew le;

2. Kien hemm Interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi meta t-Tribunal m'applikax u ma interpretax b'mod raġjonevoli dak li hemm espressament miktub fil-Policy P39 Setback Floors in Urban Conservation Areas tal-Linji Gwida DC 15 u Ksur tal-Artikolu 31 tal-Kap. 551 tal-Ligijiet ta' Malta – It-Tribunal ma informax 'il partijiet bl-intenzjoni tiegħu li jbiddel il-forma u qisien tas-sular irtirat qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-appellanti;

3. Kien hemm Interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-provvedimenti tal-Linji Gwida DC 15 meta t-Tribunal m'applikax u ma interpretax b'mod raġjonevoli dak li hemm espressament f'G 21 Access to, and Creation of Open Space – id-determinazzjoni tat-Tribunal mhix raġjonevoli u hija msawra fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

Għaldaqstant, l-għaqda appellanti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma dawk il-kapijiet tad-deċiżjoni tat-Tribunal hawn fuq referita fejn it-Tribunal laqa' l-aggravji tal-għaqda appellanti u tħassar u tirrevoka dawk il-kapijiet tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fejn ċaħad l-aggravji tal-għaqda appellanti, u tagħti dawk il-provedimenti kollha

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 14th November, 2025, in the records of Application numru 44/2025 in the names San Ġiljan Local Council and Din l-Art Ħelwa versus the Planning Authority and the party called into suit Andrea Zammit Tabona (ID 235683M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Andrea Zammit Tabona in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application number 44/2025, which the appellant organisation Din l-Art Ħelwa filed on the 7th July, 2025, in the names premised, it is appealing against a decision of the Environment and Planning Review Tribunal dated 17th June, 2025, whereby the Tribunal partially upheld the appeal filed by the appellant against a decision of the Planning Commission, but dismissed other pleas filed by the same appellant. Whereas the grounds of appeal are:

1. There has been a lack of adherence to the 2015 DC Guidelines – a misinterpretation and misapplication of the law – the Tribunal has not applied and has not reasonably interpreted what is expressly stated in the Policy P35 – Interpretation of Building Heights in Urban Conservation areas and the Policy P4 applying height to width ratio in Urban Conservation areas of the DC Guidelines 15 – the Tribunal's determination is not based on a correct application and interpretation of the policy which should have determined whether the development is acceptable or not;

2. There was a misinterpretation and misapplication of the law when the Tribunal did not reasonably apply and interpret what is expressly stated in Policy P39 on setback floors in Urban Conservation areas of the DC Guidelines 15 and in violation of Article 31 of Cap. 551 of the Laws of Malta – the Tribunal did not inform the parties of its intention to change the form and dimensions of the retired floor before reaching its decision in breach of the right to a fair hearing of the appellants;

3. There has been a misinterpretation and misapplication of the provisions of the DC Guidelines 15 when the Tribunal did not apply and has not reasonably interpreted what is expressly stated in G 21 on access to, and creation of open Space – the Tribunal's determination is unreasonable and is based on irrelevant considerations

Therefore, the appellant organisation respectfully requests that this Honourable Court confirms those heads of the decision pronounced by the Tribunal above referred to whereby the Tribunal upheld the grievances of the appellant organisation and cancels and revokes those heads of decision given by the Environment and Planning Review Tribunal whereby it dismissed the grievances of the appellant

li jidhrilha xierqa u ġusti, inkluż ir-revoka tal-permess PA 6209/22 peress li jmur kontra l-provedimenti tal-policies rilevanti.

Ir-Rikors numru 54/2025 fl-ismijiet Kunsill Lokali San Ġiljan u Din l-Art Ħelwa vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża, Andrea Zammit Tabona, jinsab iddifferit għat-13 ta' Frar, 2026, jissejjaħ fid-9.00 a.m.

Notifika: Andrea Zammit Tabona, 76, Sir Adrian Apts, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 26 ta' Jannar, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

organisation, and give all such provisions as it deems fit and fair, including the revocation of Permit PA 6209/22 as it is contrary to the provisions of the relevant policies.

Application number 54/2025 in the names San Giljan Local Council and Din L-Art Ħelwa vs the Planning Authority and the party called into suit, Andrea Zammit Tabona, has been deferred to the 13th February, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Andrea Zammit Tabona, 76, Sir Adrian Apts, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema

Registry of the Courts of Appeal (Inferior jurisdiction), today 26th January, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

243

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2025, fuq rikors ta' 35° 14° Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2026, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Maisonette fil-pjan terran, mingħajr l-arja tiegħu, uffiċjalment numerat mija u ħamsa (105) li qabel kien uffiċjalment numru wieħed u tmenin (81), fi Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, sottostanti l-fond bin-numru mija u tlieta (103), u soġġett flimkien mal-maisonette fl-ewwel sular uffiċjalment numerat mija u tlieta (103), li qabel kien uffiċjalment numerat disgħa u sebgħin (79), fi Triq Għajn Dwieli, għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il ewro u sittin ċenteżmu (€13.60), u suġġett għas-servitujiet passivi li joħorġu mill-pożizzjoni fiżika relattiva tiegħu u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u li jmiss min-Nofsinhar mat-Triq Għajn Dwieli, mit-Tramuntana ma' proprjetà industrijali, mil-Lvant ma' proprjetà residenzjali bin-numru mija u sebgħa (107) u mill-Punent ma' proprjetà residenzjali bin-numru mija u wieħed (101) u kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dott. Maurice Gambin fit-tlieta u għoxrin ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, sitta u sebgħin (23.3.1976) u stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

Il-fond huwa okkupat minn terzi u għal xi żmien kienet titħallas il-kera ta' tliet mija, ħamsa u sittin ewro (€365).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bonello née Grech Mary (KI 415346M) u l-eredi mhux magħrufa tad-defunt

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th of September, 2025, on the application of 35° 14° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Thursday, 12th March, 2026, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The maisonette on groundfloor level, without its airspace, officially numbered one hundred and five (105), previously officially numbered eighty one (81), in Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, underlying the tenement numbered one hundred and three (103), and subject together with the maisonette on the first floor officially numbered one hundred and three (103), which previously was officially numbered seventy nine (79), in Triq Għajn Dwieli, for the annual and perpetual groundrent of thirteen euro and sixty cent (€13.60), and subject to the passive servitudes resulting from its physical relative position, with all its rights and appurtenances, and is bounded on the south with Triq Għajn Dwieli, north with industrial property, east with residential property numbered one hundred and seven (107) and west with residential property numbered one hundred and one (101), and this as described in the acts of Notary Dr Maurice Gambin dated twenty third of March, of the year nineteen hundred and seventy six (23.3.1976) and is valued at two hundred and thirty thousand euro (€230,000).

This tenement is occupied by third parties and for a period of time, a rent of three hundred and sixty five euro (€365) was paid.

The said tenement is the property of Bonello née Grech Mary (ID 415346M) and the unknown heirs of the deceased

Bonello Ronald (KI 779349M) kif rappreżentati mill-Kuraturi Deputati Dott. Rosemarie Farrugia u PL Gerald Bonello.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Bonello Ronald (ID 779349M) as represented by the Deputy Curators Dr Rosemarie Farrugia u LP Gerald Bonello.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2024.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th January, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

244

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Diċembru, 2025, Rikors numru 1148/2025 minn Carmel Galea, fejn insegwitu tar-rikors Jesmond Galea, imwieled Tas-Sliema fil-25 ta' April, 1964, ta' 61 sena u preżentament residenti fl-Isptar Monte Carmeli, Ħ'Attard, Malta, li għandu karta tal-identità bin-numru 145664M, ġie inabilitat permezz ta' digriet tal-14 ta' Diċembru, 2025, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 27 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th December, 2025, Application number 1148/2025 by Carmel Galea, whereby following the application Jesmond Galea, born in Sliema on the 25th April, 1964, aged 61, and presently residing at Mount Carmel Hospital, Ħ'Attard, Malta, holding identity card number 145664M, was incapacitated by means of a decree given on the 14th December, 2025, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 27th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

245

ARB/C002/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti Fit-23 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD), Kumpilazzjoni Numru 235/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARK MIFSUD, jaħdem għal-rasu, ta' 34 sena, iben Joseph Mifsud u Mary Rose Mifsud xebba Camilleri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-16 ta' Ġunju, 1989, u residenti f'81, Triq Santa Katarina, L-Imqabba, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 271689M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputat MARK

ARB/C002/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23th June, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD), with Compilation Number 235/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARK MIFSUD, self-employed, 36 years, son of Joseph Mifsud and Mary Rose Mifsud née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 16th June, 1989, and residing at '81, Triq Santa Katarina, Mqabba' and holder of a Maltese Identity Card bearing number 271689M.

The Court ORDERED the attachment of any property in the hands of third parties for which there is reasonable cause to believe that the property is subject to confiscation, and is restraining and prohibiting the accused MARK MIFSUD

MIFSUD milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu sal-limitu ta':

Mija u tlieta u sittin elf ewro (€163,000);

u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita, Kap. 621 tal- Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal- Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 26 ta' Jannar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by him or being in his possession up to the limit of:

One hundred and sixty-three thousand euro (€163,000);

and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36, Article 5 and Article 23A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 26th January, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

246

ARB/C003/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Marse-Ann Farrugia, LLD), Kumpilazzjoni Numru 197/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

DONNA PACE, ta' 34 sena, bint Silvio (Saviour) Pace u Lisa Pace xebba' Grima, imwielda Tal-Pietà, Malta, fil-21 ta' Settembru, 1991, u residenti f'25, Crescent Point, Sqaq il-Qajjied, Is-Siġġiewi, u detentura ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 485591M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' DONNA PACE u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-

ARB/C003/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th January, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Marse-Ann Farrugia, LLD), with Compilation Number 197/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

DONNA PACE, 34 years, daughter of Silvio (Saviour) Pace and Lisa Pace née Grima, born in Tal-Pietà, Malta, on the 21st September, 1991, and residing at 25, Crescent Point, Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi, and holder of a Maltese identity card bearing number 485591M.

